# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' Lulju 2002**

**Numru 6**

**Avviz. numru 2195/98mm**

**Joe Aquilina, fil-kwalita' tieghu ta' ekomonu ta' Monsinjur Arcisqof, Amministratur tal-Beni tal-Entijiet Religjuzi Djocezani kollha ta' Malta, fosthom il-Media Centre Print u b'nota tas-17 ta' Jannar 2001, (Fol 43) Vincent Ciliberti fil-kwalita' tieghu ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arcisqof Amministratur tal-Beni ta' l-Enti Religjuzi Djocezani kollha ta' Malta, fosthom il-Media Centre Print ta' National Road,Blata l-Bajda assuma l-atti minflok Joe Aquilina li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Easibind (Med) Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fil-11 ta' Novembru 1998 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li fi zmien qasir u perentorju li jigi ffissat minn dina l-Qorti, tirritorna l-Laminator Machine li ttiehdet

mis-socjeta' konvenuta sabiex tissewwa minnha, u liema magna ppromettiet li tirritorna, u fin-nuqqas li taghmel hekk fiz-zmien lilha prefiss, li thallas lill-attur nomine dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Qorti in linea ta' danni rapprezentanti l-valur ta' l-istess magna, ghal liema danni hija responsabbli minhabba nuqqas ta' konsenja.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 9 ta' Settembru 1998 u ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Settembru 1998 kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal finijiet ta' kompetenza qed jigi ddikjarat illi l-valur jeccedi l-hames mitt lira (Lm500) izda mhux l-elf lira (Lm1,000).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana ghar-ragunijiet segwenti:

a) Illi l-eccipjent kien ghamel ftehim mal-attur nomine dwar iz-zmien meta ghandha tigi konsenjata lura l-laminator machine lill-istess konvenut nomine u dana peress illi l-magna nkwistjoni kellha tintbaghat fi Franza ghal tiswijiet illi kien jintiegilha.

b) Illi l-hsarat illi kellha dina l-laminator machine ma kienetx responsabbli ghalihom s-socjeta' konvenuta u madankollu ghamlet dak kollu illi setghet sabiex tirrimedja s-sitwazzjoni ghas-spejjez taghha u dana kif ser jigi ppruvat ahjar  fil-mori tal-kawza.

c) Illi s-socjeta' konvenuta kienet ikkonsenjat laminator machine gdida ohra lill-attur nomine sabiex tintuza minnu temporanjament flok dik il-magna li kienet bil-hsara u minflok dina ukoll giet maltrattata u dannegjata mill-attur nomine, b'hekk l-ispiza ghat-tiswijiet u t-trasport lejn u minn Franza ta' dawn iz-zewg magni huwa konsiderevoli, liema spejjez kienu l-meritu li wasslu ghal ftehim bejn il-kontendenti dwar id-dewmien o meno tal-konsenja lura tal-magna proprjeta' tal-attur nomine, u dana kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-mori tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fil-31 ta' Dicembru 1994 il-Media Centre xtrat minghand is-socjeta' konvenuta *laminating machine* bil-prezz ta' elf u tlieta u sittin lira (Lm1,063). Matul iz-zmien din il-magna grawlha xi hsarat u biex izzomm ir-relazzjonijiet tajbin is-socjeta' konvenuta ikkonsenjat magna ohra. Din il-magna bdiet tahdem u wara xi zmien bdiet tintunza ghall-ispare parts sabiex l-istamperija Media Centre tkompli tahdem. Fil-fatt is-socjeta' konvenuta ssuppliet rombli ghall-laminating fil-1995, 1996 u fl-1997. Fl-ahhar meta l-hsarat kienu tali, illi ma setghawx jigu rrangati hawn Malta, s-socjeta' konvenuta accettat illi tiehu lura dawn il-magni. L-ewwel ippruvat issewwihom hi u mbaghad meta ma rnexxilhiex, ghamlet arrangamenti biex jintbaghtu barra minn Malta. Meta sar hekk, is-

socjeta' estera informat lis-socjeta' konvenuta li l-hsarat kienu tali, illi kienu jirrikjedu s-somma ta' seba mitt lira (Lm700.00) ghat-tiswija.

Donald Borg in rapprezentanza tas-socjeta' konvenuta ddecieda illi ma kienx jaghmel sens illi tonfoq dawn il-flus meta l-magna kienet tiswa ma' l-elf lira (Lm1,000). Ghalhekk is-socjeta' attrici wasslet f'arrangament mas-socjeta' estera sabiex dawn il-magni jinzammu hemmhekk, pero' baqa ma sarx arrangament mal-Media Centre.

Illum is-sitwazzjoni hi li l-Media Centre baqghet minghajr *laminating machines* u z-zewg magni illi hija kkonsenjat ghat-tiswija, baqghu ma gewx lura, ghalhekk qieghdha titlob ir-ritorn ta' dawn il-magni u fin-nuqqas kumpens li jirrapprezenta l-valur ta' l-istess magna.

Ikkunsidrat:

Illi l-kwistjoni ta' min hu t-tort illi din il-magna jew magni gralhom hsarat hija rrilevanti. Tajjeb jew hazin is-socjeta' konvenuta accettat il-konsenja ta' dawn il-magni ghat-tiswija. Sa hawn is-sitwazzjoni hi, li l-pussess ghadda ghand is-socjeta' konvenuta b'intendiment car illi jsiru t-tiswijiet u jigu ritornati funzjonanti lill-attur nomine. Dan l-iskop ma ntlahaqx u r-raguni l-ghala dawn il-magni ma gewx ritornati huwa wkoll ghal finijiet legali rrilevanti.

Il-mument illi s-socjeta' konvenuta accettat il-konsenja tal-magni, dahlet f'relazzjoni kummercjali diretta ma' l-attur nomine, fejn allura kellha taghti garanzija illi x-xogholijiet isiru sew, skond is-sengha u l-oggett jigi ritornat lis-sid funzjonanti u f'kondizzjoni tajba.

Konsegwenza ta' din il-garanzija hija d-dover li tirrifjuta x-xoghol jekk min ser isewwi jkun jaf, jew messu kien jaf li x-xoghol kien ser ikun ineffettiv u inutili (ara kawza *Anthony Galea vs Raymond Gatt* Prim Awla deciza fil-25 ta' Marzu,1994).

Donald Borg kien jaf illi kien qed ikun hemm certa diffikultajiet b'dawn il-magni. Tant hu hekk, illi ddecieda li ma jgibx aktar minnhom. Minnkejja li kien jaf li t-tiswija kienet ser tkun difficli, xorta accetta li jiehu dawn il-magni lura u jibghathom barra. Fl-ahhar wasal ghal konkluzzjoni illi jaghmel x'jaghmel, is-sitwazzjoni kienet ser tkun l-istess u l-problemi illi kien ser ikollu mal-Media Centre, kienu ser jibqghu hemm, ghalhekk iddecieda li ma jaghmel xejn, u jhalli l-magni fejn huma.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. La huwa kien jaf illi x-xoghol li kien sejjer jaghmel, kien ser ikun ineffettiv, ma messhux accettah. Ladarba ma ghamilx hekk, izda ha konsenja tal-magni, allura assuma r-responsabbilta' taghhom u kellu jaghti l-garanziji necessarji illi kienu jinkludu r-ritorn ta' din il-magna, f'kondizzjoni tajba. La dana ma ghamlux, issa jrid jerfa' l-konsegwenzi ta' dan u t-talba ta' l-attur nomine, timmerita konferma.

Ghal dak illi huwa l-quantum, irrizulta mill-provi illi l-magna giet mixtrija elf u tlieta u sittin lira (Lm1,063). Ovvjament dana huwa l-prezz ta' magna gdida. Tajjeb jew hazin baqghet tintuza ghal xi sentejn, qabel ma giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta. F'dawn is-sentejn l-attur nomine ghamel uzu minn din il-magna u ha xi gwadann. Ovvjament il-Qorti ma tistax takkorda l-prezz intier bhala danni u ghalhekk tiffissa l-ammont ta'

danni arbitrio boni viri fl-ammont ta' hames mija u wiehed u tletin lira u hamsin centezmu (Lm531.50c) u cioe' hamsin fil-mija tal-prezz intier.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-attur nomine u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallasha l-ammont ta' hames mija u wiehed u tletin lira u hamsin centezmu (Lm531.50c) in linea ta' danni rapprezentanti valur ta' laminating machine liema danni s-socjeta' konvenuta hija responsabbli minhabba nuqqas ta' konsenja.

Bl-ispejjez u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta.

Anthony Zammit
Dep Reg